**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 18 – L-Erbgħa 4 ta' Ġunju 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-18.30hrs.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier – (giet tard) Minhabba ragunijiet ta' sptar |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa **SEDUTA NRU 16 – L-Ħamis 24 ta' April 2014 u SEDUTA NRU 17 – L-Erbgħa 21 ta' Mejju 2014** fuq proposta tas-Sindku Dr Ian Castaldi Paris u sekondata mill-Viċi Sindku Ms Magda Magri Naudi, dawn ġew approvati pero il-Kunsillier Dr Marc Sant ma approvahomx. Il-Kunsillier Lorraine Farrugia ma kienetx preżenti b'dan il-waqt.

Il-Laqgħa ġiet sospiża peress li kien hemm xi residenti li xtaqu jagħmlu xi llmenti.

- Ilment min sid ta' ħanut regward il-mod kif qed tingħalaq it-triq ħafna drabi fil-ġimgħa b' detriment li l-business tiegħu qed isofri min danni għax qed jonqos l-bejgħ. Jekk jista jkun għandha tingħalaq biss bejn 1 – 4 pm.
- Ilment min residenti ta' Senna (9942 0466) hemm bzonn li jinqataw sigar u nitfaw tarmac kif ukoll jintefa bexx biex ma jergax jitla. Hemm bzonn stop sign fejn il-mera. Hemm bzonn li l-billboard li hemm fi Triq titranga peress li din ser taqa fuq xi ħadd. Hemm bzonn li ssir isem tat-Triq, u nibgħatu nformazzjoni dwar il-ġbir ta' l-iskart.
- Ilment min resident Mr Joseph Sammut (99421168) biex fi Triq Guzeppi Cali jsir tarmac kif ukoll isiru refreshing tal-lines urgenti.

2. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

**2.1** Il-Viċi Sindku Ms. Magda Magri Naudi nfurmat li tixtieq li ssir tiskussjoni biex isiru l-preparamenti għall-Jum Ħal-Lija. Tixtieq tagħmel attivita' simili għal Arabian Night li kienet saret f'Settembru

**2.2** Il-Kunsilliera Stephanie Cutajar nfurmat li tixtieq tagħmel Car show.

Sar qbil li il-Quddiesa ta' Jum Ħal Lija ssir fil-11.00am. Kif sar qbil is-sena l-oħra Ġieħ Ħal-Lija ser tingħata lil persuna waħda biss.

**2.3** Il-Viċi Sindku Ms. Magda Magri Naudi nfurmat li ser tagħmel laqgħa mal-Perit Clayton biex isiru preparamenti biex titranga l-Mitħna.

**2.4** Il-Viċi Sindku Ms. Magda Magri Naudi nfurmat li l-sweepers għandhom jaraw ftit l-area ta' l-Ambaxxata Germaniza.

**2.5** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat f' Ta' Senna hemm sigar ħirgin il-barra u għandhom jitneħħew minnu fih. (dawn sigar hirgin mil bankiena u l- bankiena tfarket minhabba fihom)

**2.6** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li l-qsari ta' Triq Preziosi għandhom jitneħħew immedjatament, kif ukoll jitmexxa mal pulizija rapport li gie mir residenti fuq sigra li giet mizruha fi triq u trid tinqata.

**2.7** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li għandhom jitnaddfu l-mirja li hemm f'Ħal Lija.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI**

**3.1** Is-Sindku Dr Ian Castaldi Paris informa li jinsab ferm id-dispjaċut dwar ir-rapport li sar lill-monitoring unit. Nforma dwar x'gara dwar is-sinjali ta' Triq Massimiliano Debono. Saru xi nċidenti u kellha titieħed azzjoni mmedjata.

**3.2** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat għandha ssir bollard fi Triq il-Mitħna c/w San Lucinju. (minhabba li qed jigu jsuqu b'sahha u jidhlu fi djar ta nies u hawn il kunsill approva li sir)

**3.3** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li għandhom isiru double yellow lines ħdejn il-Knisja tal-Mirakli . Għandha titranga l-bankina fi Triq il-Mosta kif ukoll fi Triq in-Naxxar ħdejn il-ġibjun.

**3.4** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi kkundant ir-rapport li sar u kien rapport partigjan u mimli bi kiem b'iehor.

**3.5** Il-Minority Leader Dr Marc Sant wera d-dispjaċir tiegħu kif saret ic-change over tat-Triq Massimiliano Debono.

**3.6** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia fakkret fin-numbering tal-gabbani, importanti li lejn il-Pjazza l-ebda stand ta' toys jew ħaga oħra.

**3.7** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat biex jitkompla l fence tal housing estate u tinfetah l bicca tal fence li diga saret biex jkun hemm access ghar residenti l-ohra f kas li jaqalhom xi haga fil hamrija mil appartamenti ta' fuq.

**3.8** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia saqsiet fejn wasal l process ta' triq dejqa

**3.9** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat biex niktbu lid dipartiment biex jisbhu l- grid box ta kif jispicca transfiguration avenue.

4. **KORRISPONDENZA**

**4.1** Ilment mingħand Mrs Attard Bayliss li toqghod Triq Giuseppi Portelli peress li tnehhiet il-'One Way' Anessa ma l-email hemm petition.

**4.2** Request għal bankina fi Triq Ramiro Barbaro minghand Ms. Steaphine Cutajar. (Fejn kien il-mastrudaxxa) (Ritratt Aness) il-Kunsill qabel li din ma tista ssir.

**4.3** Dr. Renato Cefai jixtieq jaghmel request ghal plastic bollards kif hemm f'Main Str. ftit il-fuq mid-dar tieghu. Hu xtaqhom quddiem id-dar tieghu No.167 Triq il-Kbira. (Ritratt Aness) il-Kunsill qabel dwar dan.

**4.4** Ms. Cassar tixtieq taghmel request biex isir patching tajeb quddiem il-bieb taghha No.4 Salvator Triq Ramiro Barbaro. (Ritratt Aness) il-Kunsill qabel li għandu jsir patching immedjatament

**4.5** Request minghand Socjeta Sant Andrija ghall kull ghajnuna mill-Kunsill peress li ser jitella Lejla Maltija fit 18 ta' Lulju 2014. (ittra dated 06 May 2014) il-Kunsill qabel li isir checking dwar jekk ingħatawx fondi w imbgħad jista' jingħata l-fond.

**4.6** Ittra minghand il-Lija/Iklin Football Youth Nursery requesting Council aid for activity.

**4.7** Is-Sinjura Rose Zammit tixtieq titlob lill-Kunsill sabiex il-fence li qed isir fil-Housing Estate jitkompli quddiemhom ukoll peress li l-problema taż-żibel qedha anke fin-naħa tagħhom. Is-Sinjura Zammit tixtieq tfaħħar din l-inizjattiva għax permezz ta' hekk m'għadx jintefa' żiebel. il-Kunsill qabel dwar dan.

**4.8** Request minghand is-Sinjura Maria Busuttil li toqghod no.13, Triq San Licinju biex jitnehha l-space tal-parkegg faccata ta' drive-in taghha ghaliex jekk karozza tkun ipparkjata hemmhekk ma tkunx tista tohrog tajeb isib diffikulta. Il-Kunsill jixtieq aktar informazzjoni u ritratti.

**4.9** Is-Sinjura u Sinjur Cardona jixtieq jaghmlu request biex titpogga Sleeping Policema int u tiela ghat-Triq il-Kuncizzjoni vicin dar no.9. (Ritratt Aness) il-Kunsill jixtieq li tigi ffirmata petition mir-residenti.

**4.10** Is-Sinjura Jacqueline Vella tixtieq tgħaddi suġġeriment għal problema kbira li għandhom ir-residenti ta' Triq Santa Mansweta u Triq Kardinal Ferretti. Peress li l-kollettur taż-żibel qed jgħaddi tard ħafna (ġieli anke wara s-2:00pm) il-qtates qed jagħmlu ħerba miż-żibel li jinħareġ kuljum. Għal din il-problema, is-Sinjura Vella qed tissuġġerixxi sabiex il-Kunsill jgħati 'hooks' fuq arblu sabiex iż-żibel ikun jista' jiddendel miegħu u b'hekk il-qtates ma jmissuhx. Din is-sistema jużawha l-Kunsill tal-Qala. Il-Kunsill qabel li jekk din għandha ssir ir-residenti jistgħu jagħmluha.

**4.11** Frankie Buttigieg ghan-nom tal-Kumitat Festi Esterni jixtieq jaghmel request biex jinxtraw 10 covers tal-hadid ghat-toqob tal-festa. Il-Kunsill irid ikun jaf fejn u kemm jiswew.

**4.12** Is-Sinjura Doris Bezzina tixtieq taghmel request biex isir STOP SIGN mizbugha ma' l-art int u hiereg mit-Triq il-Mahlut ghal Triq Dun Guzepp Tanti fil-kantuniera fejn hemm il-flats. (Ritratt Aness). Kif ukoll request ghal xi tip ta' dustbins mhux kbar hafna biex ir-residenti.

**4.13** Request minn Fr. David Il-Kappillan ghal-request ghall yellow lines quddiem iz-zuntier. Il-Kunsill qabel.

**4.14** Is-Sur Joseph Sammut resident fi Triq Gużeppi Cali japprezza li l-Kunsill għamel żrar oħxon sabiex jneħħi l-ħofor li hemm f'din it-Triq pero jixtieq jgħid li din qed tikkawża problema għar ta' saħħa. Kull meta tgħaddi karozza minn din it-Triq qed jikkawża ammont kbir ta' trab u li mhux tajjeb għar-residenti li jgħixu hemm. Xtaq jgħid ukoll li l-

Kunsill qed iħallas flus għalxejn. It-Triq trid tiġi asfaltata mill-aktar fis possibli u ma jistax ikun li jibqaw jistennew l-plots jitlestu għax baqalhom ħafna żmien.

**4.15** IS-Sur Charles Borg, resident fi Triq Nazju Cortis, jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq il-bring-in-sites li saru riċenti f'Ta Senna. Dawn għandhom jitpoġġew aktar 'l isfel u qed ikun hemm żibel ieħor mifrux madwar dawn il-bring-in-sites. Jixtieq jgħid ukoll li wara cin li jgħati għall-għelieqi qed ikun hemm ħafna żibel li qed jitfaw xi ħadd b'kawza li qed ikun hemm ħafna ġrieden.

**4.16** Ittra ta' Pettizzjoni mir-residenti ta' Senna rigward il-Bring In Sites li saru fi Triq Nazju Cortis c/w Triq Giannikol Buhagiar biex dawn itnehhew. Is- Sur Abela u S-Sur Mizzi xtaq jaghmlu request lill-Kunsill ghan-nom tar-residenti ta' dik l-area biex il-garbage jingabar kuljum fl-istess hin filghodu bejn nghidu ahna 9:00a.m. – 10:30 a.m. Ghalhekk il-Kunsill ghandu jibghat notice lir-residenti fejn jghid biex l-iskart ser jibda jingabar kuljum f'dawk il-hinijiet. Ghaliex il-problema qiegheda tkun li ta' l-iskart qieghed jigi anke gieli fi 3:00p.m. ta' wara nofs inhar. Kif ukoll biex il-Kunsill jirranga xi affarijiet li hemm ta' Senna bhal sigar hergin l-barra mill-ghelieqi ghal go triq. Hajt mwaqqa fi tela' ta' Agostino Portelli ktaten u gebel fl-art.

Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru fi Triq Agostino Portelli – aktar l-isfel.

**4.17** Request minghand Godfrey Farrugia rigward parkegg quddiem l-entratura tal-garages tieghu fi Triq Guzeppi Portelli biex isiru double yellow lines u minflokk zewg parking space jitnehha wiehed ghaliex t-tieni parking space jigi ezatt ma' l-entratura u resident ma jkunx jista jidhol jew johrog mill-garage (ritratt aness).

**4.18** E-mail minghand mepa fuq Billboard Advertising.

**4.19** Ilment minghand is-Sur Ray Cassar Torregiano fuq hajt imwaqqa fi Triq il-Mithna

**4.20** Ilment minghand is-Sur Kieth Micallef li joqghod Triq Sir Ugo Mifsud fuq il-problema tal-hamiem u ta' parking

**4.21** Ilment minghand is-sur Joe Buttigieg Lija/Iklin Nursery rigward hafna qtates fl-area u fl-entratura tal-ground.

## 5. AMMINISTRAZZJONI

**5.1** Ittra minghand id-Dipartiment – Bord ta' Gvernanza – Kunsill Lokali Hal Lija. L-email titratta dwar difersi ittri li saru fil-gazzetti. Il-Bord nforma li ma sab xejn hazin fil-mod kif saru l-interviews.

**5.2** Estimi - icw Proposed Ramps and Tactile, Paving Works at Vjal It-Trasfigurazzjoni

**5.3** Quotations ghal ghodda ghall-ħaddiema

## 6. APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI

**6.1** Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar mal-minuti ta' April / Mejju 2014. Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi Proponiet u Is-Sindku Dr Castaldi Paris is-sekonda.

**TMIEM**

Fil- 20.30hrs intemmet is-Seduta biex issir il-Laqgħa tar-residenti u b'mod unanimu aġġornat għal nhar il-Erbgħa 9 ta' Lulju 2014 fl-18.30hrs.

l-Interviews għas-segretarju Ezekuttiv il-gdid ser isir nhar l-Erbgħa 18 ta' Ġunju 2014.

________________________ _________________________

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Ms Gabriella Agius |
| Sindku | Agent Segretarju |